DEĊIŻJONI (UE) 2020/637 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' April 2020

dwar proċeduri ta' akkreditazzjoni għal manifatturi ta' elementi ta' sigurtà tal-euro u elementi tal-euro (BĊE/2020/24)

(riformulazzjoni)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 16 u l-Artikolu 34.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 ([2]) ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi ([3]). Peress li jridu jsiru emendi ulterjuri, id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Wara l-esperjenza miksuba mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni BĊE/2013/54, is-sistema ta' akkreditazzjoni għandha tiġi ssimplifikata billi jiġi eliminata l-fażi tal-evalwazzjoni tal-akkreditazzjoni provviżorja u tiġi stabbilita proċedura ta' valutazzjoni ta' stadju wieħed.

(3) Il-BĊE jagħti l-akbar importanza lit-tmexxija etika tan-negozju minn manifatturi akkreditati u l-entitajiet li jikkontrollawhom, li kollha jridu jwettqu l-attivitajiet ta' negozju tagħhom skont l-oġħla standards ta' etika professjonali. Għaldaqstant, l-imġiba etika tan-negozju għandha tkun parti mir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni, minbarra r-rekwiżiti dwar is-sigurtà, il-kwalità, l-ambjent u s-saħħa u s-sigurtà.

(4) Ir-rekwiżiti ta' sigurtà huma wkoll parti mir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni. Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, l-ispezzjonijiet u l-kontrolli tas-sigurtà speċifiċi mill-bank ċentrali nazzjonali relatati mar-rekwiżiti tas-sigurtà għandhom jiġu integrati f'deċiżjoni separata u ma jibqgħux parti minn din id-Deċiżjoni.

(5) Ir-rekwiżiti relatati mal-ambjent u mas-saħħa u s-sigurtà huma wkoll parti mir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni. Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, ir-rekwiżit għal stamperiji akkreditati biex jitwettaq u jiġi rrapportat lill-BĊE l-eżitu ta' analiżijiet dwar sustanzi kimiċi u elementi ta' karti tal-flus tal-euro lesti għandu jkun integrat f'deċiżjoni separata u ma għandux jibqa' parti minn din id-Deċiżjoni.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 jeħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni. Sabiex tkun żgurata tranżizzjoni bla xkiel mill-proċeduri ta' akkreditazzjoni preċedenti għal dawk f'din id-Deċiżjoni, għandu jiġi stabbilit perjodu tranżitorju ta' tnax-il xahar. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-kondotta etika tan-negozju, għandu jiġi stabbilit perjodu tranżitorju ta' tletin xhur. Dan se jippermetti lill-manifatturi akkreditati jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-obbligi ta' akkreditazzjoni rilevanti skont din id-Deċiżjoni ,

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4.

([2]) Deċiżjoni BĊE/2013/54 tal-20 ta' Diċembru 2013 dwar il-proċeduri ta' akkreditazzjoni għal manifatturi ta' oġġetti tal-euro siguri [elementi ta' sigurtà tal-euro] u oġġetti tal-euro [elementi tal-euro] u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2008/3 (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 29).

([3]) Ara l-Anness I.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

TAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(1) "oriġinazzjoni" tfisser it-trasformazzjoni tad-disinn bażiku tal-karti tal-flus tal-euro f'format, separazzjoni ta' lwien, line work u pjanċi tal-istampar u t-tħejjija ta' formati u prototipi għall-komponenti proposti f'dawk id-disinni bażiċi;

(2) "manifattur" tfisser entità ġuridika li jista' jkollha l-kapaċità li twettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro, bl-eċċezzjoni ta' entitajiet ġuridiċi li huma involuti biss fit-trasport jew id-distruzzjoni ta' elementi ta' sigurtà tal-euro;

(3) "attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro" tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin: l-oriġinazzjoni, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-qerda, il-ħżin, l-analiżi, iċ-ċaqlieq intern ta' elementi ta' sigurtà tal-euro fi ħdan sit tal-manifattura jew it-trasport ta' elementi ta' sigurtà tal-euro;

(4) "attività relatata ma' element tal-euro" tfisser il-produzzjoni ta' elementi tal-euro;

(5) "sit ta' manifattura" tfisser fond li manifattur juża jew li jista' juża biex iwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro;

(6) "element ta' sigurtà tal-euro" tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin: (a) karta tal-flus tal-euro lesta; (b) karta tal-flus tal-euro stampata parzjalment; (c) karta tal-karta tal-flus tal-euro lesta; (d) karta tal-karta tal-flus tal-euro parzjalment lesta; (e) linka tas-sigurtà użata biex jiġu prodotti karti tal-flus tal-euro jew karta tal-karti tal-flus tal-euro; (f) ħajt u fojl użati biex tiġi prodotta karta tal-karti tal-flus tal-euro; (g) pigment ta' sigurtà; (h) senser ta' sigurtà; (i) karta tal-flus tal-euro li qiegħda tiġi żviluppata biex tissostitwixxi karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jew irtirati miċ-ċirkolazzjoni; (j) kull komponent jew informazzjoni relatata li hija stipulata separatament mill-BĊE; li lkoll jeħtieġu l-protezzjoni tas-sigurtà minħabba li t-telf, is-serq jew il-pubblikazzjoni mhux awtorizzata tagħhom tista' tkun ta' ħsara għall-integrità ta' karti tal-flus tal-euro bħala mezz ta' ħlas;

(7) "element tal-euro" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: (a) karta tal-flus tal-euro lesta; (b) karta tal-flus tal-euro stampata parzjalment; (c) karta tal-karti tal-flus tal-euro lesta; (d) karta tal-karti tal-flus tal-euro lesta parzjalment; (e) linka użata għall-produzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro jew karta tal-karti tal-flus tal-euro; (f) ħajt u fojl użati biex tiġi prodotta karta tal-karti tal-flus tal-euro;

(8) "akkreditazzjoni" tfisser il-permess, mogħti lil manifattur permezz ta' deċiżjoni tal-BĊE, biex titwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro f'sit ta' manifattura speċifiku;

(9) "manifattur akkreditat" tfisser manifattur li kiseb l-akkreditazzjoni skont din id-Deċiżjoni;

(10) "bank ċentrali nazzjonali" (BĊN) tfisser bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

(11) "bank ċentrali nazzjonali responsabbli (BĊN)" tfisser BĊN li jkun għamel ordni għall-produzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro.

(12) "rekwiżit ta' akkreditazzjoni" tfisser kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti relatati mas-sigurtà, il-kwalità, l-ambjent, is-saħħa u s-sigurtà, kwalunkwe rekwiżit etiku jew rekwiżit tal-lok u kwalunkwe obbligu ieħor, stabbilit jew f'din id-Deċiżjoni jew fi kwalunkwe strument legali ieħor relatat, li l-BĊE jeħtieġ li l-manifattur jikkonforma magħhom sabiex iwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro;

(13) "informazzjoni kunfidenzjali tal-BĊE" tfisser kull rekwiżit ta' akkreditazzjoni, kwalunkwe rekord relatat, irrispettivament mill-mezz ta' ħżin tiegħu jew kwalunkwe informazzjoni li tikkonsisti f'informazzjoni proprjetarja teknika u/jew informazzjoni dwar negozju u li hija kklassifikata bħala "ECB-Confidential" ("BĊE-Kunfidenzjali");

(14) "proċedura ta' akkreditazzjoni" tfisser proċedura li taħtha l-konformità tal-manifatturi mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni, kif stipulata f'din id-Deċiżjoni, tiġi vvalutata, li sseħħ meta l-manifatturi jitolbu akkreditazzjoni u waqt li jkunu qegħdin jiġu akkreditati, u li jista' jwassal għal sanzjonijiet, inklużi penali finanzjarji, f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti;

(15) "rekwiżit etiku" tfisser kwalunkwe obbligu stabbilit fl-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni;

(16) "rekwiżit ta' lok" tfisser kwalunkwe obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(1)(c) ta' din id-Deċiżjoni;

(17) "ċertifikazzjoni" tfisser dokument maħruġ minn entità ta' ċertifikazzjoni indipendenti akkreditat minn awtorità nazzjonali ta' akkreditazzjoni, li ċ-ċertifikazzjonijiet tagħha huma rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn jinsab il-manifattur;

(18) "sistema ta' ġestjoni" tfisser il-qafas ta' politiki, proċessi u proċeduri li manifattur jistabbilixxi biex jiżgura li l-manifattur jikkonforma mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni kollha;

(19) "miżura" tfisser azzjoni mwettqa minn manifattur sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni;

(20) "extranet tal-karti tal-flus tal-BĊE" tfisser sistema tal-IT imwaqqfa u operata mill-BĊE biex tipprovdi informazzjoni relatata mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni, li hija aċċessibbli għal manifatturi akkreditati;

(21) "qerda" tfisser azzjoni jew proċess sabiex element ta' sigurtà tal-euro ma jkollu l-ebda użu prattiku għall-falsifikaturi;

(22) "entità ta' kontroll" tfisser kwalunkwe wieħed minn korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' manifattur jew kwalunkwe persuna ġuridika skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI ([4]) li tista' tirrappreżenta, tieħu deċiżjonijiet f'isem, jew teżerċita kontroll fuq il-manifattur;

(23) "organizzazzjoni kriminali" tfisser organizzazzjoni kriminali kif iddefinita fil-punt (1) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI;

(24) "korruzzjoni attiva u passiva" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI ([5]);

(25) "frodi" tfisser: (a) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollu, bħala effett, il-miżapproprjazzjoni jew iż-żamma illeċita ta' fondi, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett, l-użu ħażin ta' tali fondi għal finijiet oħra għajr dawk li għalihom kienu ngħataw oriġinarjament; (b) fir-rigward ta' dħul, kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett it-tnaqqis illegali ta' riżorsi, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett, l-użu ħażin ta' benefiċċju miksub legalment, bl-istess effett;

(26) "reati terroristiċi" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(27) "ħasil tal-flus" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(28) "traffikar tal-bnedmin" għandha l-istess tifsira bħal dik fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(29) "produzzjoni ta' linka" tfisser il-preparazzjoni ta' linka li, permezz ta' taħlit u tħin ta' materja prima u/jew linka bażi, ikunu lesti biex jintużaw fl-istampar ta' karti ta' flus tal-euro. Din il-preparazzjoni ma tinkludix iż-żieda ta' komponenti speċifiċi ma' linka minn stampaturi jew manifatturi tal-karta tal-karti tal-flus tal-euro, meta dawn ikunu jammontaw għal inqas minn 12 % tal-piż tal-linka oriġinali u meta l-għan waħdieni taż-żieda tagħhom huwa jew li jippermettu l-ikkurar tal-linka skont formulazzjoni predefinita, li jadatta r-reoloġija tiegħu jew l-isfumatura tiegħu jew itejjeb it-tnixxif tiegħu;

([4]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42).

([5]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat (ĠU L 192, 31.7.2003, p. 54).

([6]) Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

([7]) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([8]) Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).

(30) "identifikatur ta' entità ġuridika (LEI)" tfisser kodiċi ta' referenza alfanumeriku skont l-istandard ISO17442 mogħti lil entità ġuridika;

(31) "awditur indipendenti" tfisser jew id-dipartiment intern rilevanti ta' BĊN jew entità rikonoxxuta li hija kompetenti biex tivvaluta u tiddikjara li programm ta' konformità korporattiva ta' manifattur ikun konformi mal-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri dwar il-kondotta etika tan-negozju, it-tnejn indipendenti mill-manifattur akkreditat;

(32) "spezzjoni" tfisser proċedura li tivvaluta l-konformità ta' manifattur mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni, li tieħu l-forma jew ta' spezzjoni fuq il-post jew ta' spezzjoni mhux fuq il-post, u li tispiċċa b'rapport fuq is-sejbiet ta' din l-evalwazzjoni;

(33) "spezzjoni fuq il-post" tfisser spezzjoni mwettqa mill-BĊE f'sit tal-manifattura;

(34) "spezzjoni mhux fuq il-post" tfisser spezzjoni mwettqa mill-BĊE billi tiġi vvalutata d-dokumentazzjoni mitluba minn manifattur li sseħħ barra mis-sit ta' manifattura rilevanti;

(35) "jum ta' negozju" tfisser kull jum eskluż is-Sibt u l-Ħadd, u kwalunkwe btala pubblika tal-BĊE, kif ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE;

(36) "każ ewlieni ta' nuqqas ta' konformità" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) każ ta' nuqqas ta' konformità li kellu jew kellu l-potenzjal li jkollu, jew li għandu jew għandu l-potenzjal li jkollu, impatt immedjat, serju u negattiv fuq it-twettiq mill-manifattur akkreditat tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal attività relatata ma' element tal-euro jew attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro;

(b) diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità li ma jkunux, waħedhom, jitqiesu bħala ewlenin, iżda li meta jseħħu simultanjament jew b'mod rikorrenti għal proċess speċifiku, jirriżulta jew irriżulta f'impatt immedjat, serju u negattiv.

Artikolu 2

Prinċipji ta' akkreditazzjoni

1. Manifattur għandu jwettaq biss attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro f'sit ta' manifattura li għaliha l-BĊE tah akkreditazzjoni skont l-Artikolu 7.

2. Manifattur akkreditat jista' jipproduċi jew jipprovdi biss elementi ta' sigurtà tal-euro jew elementi tal-euro jekk ikun awtorizzat li jagħmel dan mill-BĊE jew għall-fini biex jissodisfa ordni mqiegħda minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) manifattur akkreditat ieħor li jeħtieġ l-elementi ta' sigurtà tal-euro jew l-elementi tal-euro għall-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro tiegħu stess;

(b) BĊN responsabbli;

(c) suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, BĊN futur tal-Eurosistema;

(d) il-BĊE.

3. Manifattur akkreditat jista' jwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro f'sit ta' manifattura ieħor, soġġett għall-valutazzjoni minn qabel tal-BĊE tal-konformità tal-manifattur akkreditat mar-rekwiżiti kollha ta' akkreditazzjoni fis-sit ieħor ta' manifattura u l-akkreditazzjoni tal-BĊE tal-manifattur għal attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro fis-sit l-ieħor tal-manifattura.

4. Meta jivvaluta t-talbiet għall-akkreditazzjoni tal-manifatturi jew meta jivvaluta l-konformità ta' manifattur akkreditat mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni, il-BĊE għandu jirrispetta l-prinċipji ta' trattament indaqs u ta' trasparenza. B'mod partikolari, il-valutazzjoni tal-BĊE m'għandha twassal għal ebda trattament preferenzjali u lanqas m'għandha tagħti vantaġġ kompetittiv lil xi manifattur.

5. Il-BĊE għandu jinforma lill-manifatturi akkreditati permezz tal-extranet tal-karti tal-flus tal-BĊE ta' kwalunkwe aġġornament għar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni li jikkonċernaw l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro li għalih ikunu ngħataw akkreditazzjoni.

6. Il-manifatturi akkreditati għandhom jittrattaw l-informazzjoni kunfidenzjali tal-BĊE skont ir-reġim dwar il-kunfidenzjalità tal-BĊE, li hija disponibbli fuq l-extranet tal-karti tal-flus tal-BĊE.

7. Il-BĊE jista' jaqsam mal-BĊNi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jirċievi mingħand il-manifatturi akkreditati.

8. Huma l-manifatturi akkreditati biss li għandhom ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti għal elementi ta' sigurtà tal-euro jew elementi tal-euro.

9. Il-manifatturi akkreditati ma għandhomx, mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-BĊE, jittrasferixxu jew jassenjaw l-akkreditazzjoni tagħhom lil kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħhom, kumpanija assoċjata jew parti terza.

10. Il-proċeduri ta' akkreditazzjoni għandhom isiru bl-Ingliż ħlief jekk ikun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali marbuta mal-proċedura jew mas-suġġett tal-kuntratt li jkunu jeħtieġu l-użu ta' lingwa differenti.

11. Il-manifatturi għandhom ibatu kwalunkwe spejjeż u telf assoċjat imġarrba b'rabta mal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Rekwiżiti ta' akkreditazzjoni

1. Manifattur akkreditat għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni kollha li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti relatati mas-sigurtà, il-kwalità, l-ambjent u s-saħħa u s-sigurtà, stabbiliti jew f'din id-Deċiżjoni jew fi kwalunkwe strument legali ieħor relatat, li l-BĊE jeħtieġ li l-manifattur jikkonforma magħhom sabiex iwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro;

(b) ir-rekwiżiti etiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 4;

(c) ir-rekwiżiti li ġejjin dwar il-lok:

(i) fejn manifattur m'huwiex stamperija, is-sit tal-manifattura għandu jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni jew fi Stat Membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA); jew

(ii) fejn il-manifattur huwa stamperija, is-sit ta' manifattura għandu jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni;

(d) il-pussess ta' ċertifikazzjoni li tiddikjara li, fis-sit ta' manifattura rilevanti għall-attività rilevanti relatata mas-sigurtà ta' element tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro, is-sistemi ta' ġestjoni tiegħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandards kollha li ġejjin:

(i) l-istandard ISO 9001;

(ii) l-istandard ISO 14001;

(iii) jew l-istandard ISO 45001 jew l-istandard 18001 tas-Serje tal-Valutazzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali (OHSAS) sal-11 ta' Marzu 2021, u l-istandard ISO 45001 biss minn hemm 'il quddiem.

2. Il-manifatturi jistgħu jadottaw u jimplimentaw rekwiżiti aktar stretti fir-rigward tar-rekwiżiti fil-paragrafu 1(a) u (b).

3. Fejn manifattur jissodisfa r-rekwiżiti tal-lok tal-paragrafu 1(c), iżda n-negozju tiegħu jkun ikkontrollat minn entità ġuridika stabbilita barra minn Stat Membru tal-Unjoni jew tal-EFTA, il-BĊE, meta jkun qed jikkunsidra li jirrifjuta t-talba għall-akkreditazzjoni skont l-Artikolu 6 jew li jagħti l-kunsens bil-miktub bil-quddiem tal-BĊE skont il-punt (7)(b) tal-Artikolu 9 biex jipproteġi l-integrità tal-karti tal-flus tal-euro, għandu jikkunsidra kif xieraq dawn kollha li ġejjin:

(a) deċiżjoni jew regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar sanzjonijiet ekonomiċi fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li diġà japplika jew li l-Kunsill biħsiebu jadotta;

(b) obbligu fuq l-Istati Membri u kwalunkwe dispożizzjoni jew miżura jew obbligu li jitnisslu minnhom li hija prevista f'atti legali tal-Unjoni direttament applikabbli biex jiġu implimentati sanzjonijiet ekonomiċi fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni;

(c) ftehim internazzjonali u kwalunkwe dispożizzjoni jew miżura jew obbligu li jsegwu/li jitnisslu minnhom li jkunu ġew approvati mill-korpi leġiżlattivi tal-Unjoni jew mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

4. Il-BĊE jista', fejn dan huwa ġġustifikat miċ-ċirkostanzi, jagħti eżenzjoni mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1(c).

Artikolu 4

Rekwiżiti etiċi

1. Manifattur akkreditat jew kwalunkwe mill-entitajiet li jikkontrollawh m'għandux ikun ġie kkundannat b'sentenza finali sa massimu ta' ħames snin qabel id-data tat-talba tiegħu għall-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;

(b) korruzzjoni attiva u passiva;

(c) frodi;

(d) reati terroristiċi;

(e) ħasil ta' flus;

(f) traffikar tal-bnedmin;

(g) kwalunkwe attività illegali oħra li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-BĊE jew il-BĊNi.

2. Għall-finijiet tal-akkreditazzjoni, manifattur akkreditat jew kwalunkwe mill-entitajiet li jikkontrollawh m'għandhomx:

(a) ikunu qed jiksru l-obbligi tagħhom relatati mal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas ta' taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn ikunu stabbiliti jew fejn titwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro;

(b) ikunu falluti jew soġġetti għal proċeduri ta' insolvenza jew stralċ, fejn l-assi ikunu qed jiġu amministrati minn likwidatur jew mill-qorti, ikollhom ftehim ma' kredituri, fejn l-attivitajiet kummerċjali ikunu ġew sospiżi jew jiffaċċjaw kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali;

(c) ikunu ħatja ta' kondotta professjonali serjament skorretta, li twassal biex l-integrità tagħhom issir dubjuża;

(d) jidħlu fi ftehimiet ma' manifatturi oħra bil-għan li jfixklu l-kompetizzjoni;

(e) ikunu soġġetti għal kunflitt ta' interess li ma jistax jiġi rrimedjat b'mezzi inqas intrużivi;

(f) jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità jew lir-reputazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro bħala mezz ta' ħlas.

3. Manifattur akkreditat għandu jkollu fis-seħħ programm ta' konformità korporattiva implimentat u operattiv bis-sħiħ li jkun fih standards xierqa u adatti li għandhom jiġu segwiti biex iżomm lilu u lill-entità li tikkontrollah milli jkunu involuti f'xi sitwazzjoni jew parteċipazzjoni fl-attivitajiet elenkati fil-paragrafi 1 u 2. Dan il-programm ta' konformità korporattiva għandu, bħala minimu, jirrispetta l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri rilevanti kif deskritti fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-Artikolu 10 tar-Regoli dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (International Chamber of Commerce Rules on Combating Corruption) ([9]);

(b) l-Inizjattiva tal-Etika tal-Karti tal-Flus ([10]);

(c) l-istandard ISO 37001;

(d) kwalunkwe programm ekwivalenti ieħor.

([9]) Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ fuq www.iccwbo.org.
([10]) Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Inizjattiva tal-Etika tal-Karti tal-Flus fuq www.bnei.com.

TAQSIMA II

PROĊEDURA TA' AKKREDITAZZJONI

Artikolu 5

Talba għal akkreditazzjoni

1. Manifattur li jixtieq li jkun akkreditat biex iwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro f'sit ta' manifattura speċifiku għandu jissottometti talba bil-miktub lill-BĊE biex jibda l-proċedura ta' akkreditazzjoni. Dan japplika wkoll għall-manifatturi involuti fil-produzzjoni tal-linka kif iddefinit fl-Artikolu 1(29).

2. It-talba għall-akkreditazzjoni għandha tinkludi kull waħda minn dawn li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro u l-elementi ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro u l-elementi tal-euro;

(b) l-isem tal-manifattur u, fejn applikabbli, l-entità ġuridika li titlob l-akkreditazzjoni f'isem il-manifattur u l-LEI tiegħu, fejn disponibbli;

(c) il-post u l-indirizz eżatti tas-sit tal-manifattura fejn il-manifattur bi ħsiebu jwettaq l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro;

(d) dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mir-rappreżentanti legali tal-manifattur li tikkonferma li l-manifattur ser iżomm ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni kunfidenzjali;

(e) deskrizzjoni tan-negozju tal-manifattur li jelenka l-entitajiet ta' kontroll kif ukoll il-post fejn jinsabu;

(f) dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mir-rappreżentanti legali tal-manifattur, li tikkonferma li l-manifattur jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Deċiżjoni u li ma tikser l-ebda dispożizzjoni msemmija f'dawn l-Artikoli;

(g) dikjarazzjoni bil-miktub maħruġa u ffirmata minn awditur indipendenti li tikkonferma l-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti etiċi stipulati fl-Artikolu 4;

(h) kopji taċ-ċertifikazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 3(1)(d);

(I) deskrizzjoni tas-sussidjarji tal-manifattur jew tal-kumpaniji assoċjati li jkun beħsiebu jinvolvi fl-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew fl-attività relatata ma' element tal-euro;

(j) deskrizzjoni tal-partijiet terzi, inkluż kwalunkwe waħda mis-sussidjarji jew il-kumpaniji assoċjati tal-manifattur, li għalihom il-manifattur għandu l-intenzjoni li jissottokuntratta jew li l-manifattur ikun beħsiebu jinvolvi għat-twettiq tal-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro;

(k) sommarju tar-raġuni tal-manifattur biex jitlob akkreditazzjoni u l-vantaġġi potenzjali għall-Eurosistema kieku l-akkreditazzjoni kellha tingħata.

3. Manifattur akkreditat li jitlob akkreditazzjoni għal kull attività oħra relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro għandu jissottometti talba bil-miktub lill-BĊE. Il-BĊE għandu jinforma lill-manifattur akkreditat bid-dokumentazzjoni speċifika elenkata fil-paragrafu 2 li għandha tiġi sottomessa għal kull każ partikolari.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni

1. Il-BĊE jista' jirrifjuta talba għall-akkreditazzjoni qabel ma jivvaluta l-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni skont dan l-Artikolu jekk il-BĊE jiddetermina li l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro li għalihom tkun intalbet akkreditazzjoni jkollha impatt avvers fuq l-integrità u l-katina ta' provvista tal-karti tal-flus tal-euro.

2. Il-BĊE għandu jivvaluta l-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(b) sa (d), u l-Artikolu 3(3) kontra d-dokumentazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni.

3. F'każijiet eċċezzjonali, il-BĊE jista' jagħti deroga mill-obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4, jekk jiddetermina li n-nuqqas ta' konformità tal-manifattur ma jkollux impatt sinifikanti fuq l-aderenza tal-manifattur lejn ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni jew għall-integrità tal-karti tal-flus tal-euro jew għar-reputazzjoni tal-BĊE.

4. Jekk manifattur jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(c) u (d) u l-Artikolu 4, jew skont l-Artikolu 3(4) ikun ingħata eżenzjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(c), il-BĊE għandu jipprovdi lill-manifattur b'dokumentazzjoni li jkun fiha r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni skont l-Artikolu 3(1)(a). Il-BĊE għandu jipprovdi wkoll lill-manifattur bi kwestjonarji li l-manifattur għandu jimla, filwaqt li jindika kif jikkonforma mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni. Il-manifattur għandu jimla u jirritorna l-kwestjonarji kompluti lill-BĊE fi żmien raġonevoli, kif definit mill-BĊE. Il-manifattur għandu jindika kif il-miżuri tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti u għandu espressament jiżvela kwalunkwe limitazzjoni li tista' twaqqaf lill-manifattur milli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni, b'mod partikolari kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-użu ta' faċilitajiet ta' qerda speċjalizzati fejn ma jkunx possibbli li dawn il-faċilitajiet isiru disponibbli fis-sit tal-manifattura.

5. Bħala parti mill-valutazzjoni tiegħu tal-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 3(1)(a), il-BĊE għandu l-ewwel jivverifika li l-manifattur jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sigurtà kollha, li huma stabbiliti f'deċiżjoni separata. Ladarba l-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti tas-sigurtà tkun ġiet ivverifikata, il-BĊE għandu jivverifika l-konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti l-oħra ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 3(1)(a). Il-valutazzjonijiet kollha jistgħu jieħdu l-forma ta' spezzjonijiet fuq il-post jew mhux fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 11.

6. Fejn meħtieġ, il-BĊE jista' jitlob lill-manifattur biex jissottometti, jiċċara jew ilesti kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin fi skadenza raġonevoli, kif definit mill-BĊE:

(a) id-dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 5;

(b) id-dokumentazzjoni li għandha timtela skont il-paragrafu 4;

(c) informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 5.

7. Il-BĊE għandu jiċħad talba għall-akkreditazzjoni li ma tkunx kompluta jew tkun żbaljata jew li ma tkunx tlestiet fl-iskadenza, wara t-talba tal-BĊE għal informazzjoni addizzjonali, kjarifika jew tlestija skont il-paragrafu 6. Il-BĊE għandu jiċħad ukoll talba għall-akkreditazzjoni fejn it-talba u d-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta huma kompluti, iżda li juru li l-manifattur ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni stipulati fl-Artikoli 3 u 4.

Artikolu 7

Għotja ta' akkreditazzjoni

1. Il-BĊE jista' jagħti akkreditazzjoni għal attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro mitluba f'sit ta' manifattura jekk dak il-manifattur ikun wera b'suċċess il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 jew jekk il-BĊE jagħti deroga skont l-Artikolu 6(3).

2. Il-BĊE għandu jagħti akkreditazzjoni fil-forma ta' deċiżjoni li tispeċifika l-entità ġuridika, is-sit tal-manifattura u l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro li għalihom tkun ingħatat l-akkreditazzjoni.

3. Wara n-notifika tal-akkreditazzjoni, il-manifattur akkreditat għandu jinforma lill-BĊE, fil-ħin qabel id-data tal-bidu tal-attività rispettiva relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro, sabiex il-BĊE jipproċedi bl-ispezzjonijiet rilevanti matul attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro.

Artikolu 8

Reġistru tal-akkreditazzjoni tal-BĊE

1. Il-BĊE għandu jżomm reġistru ta' akkreditazzjoni, li għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊNi u BĊNi futuri tal-Eurosistema u lil manifatturi akkreditati permezz tal-extranet ta' karti tal-flus tal-BĊE. Ir-reġistru tal-akkreditazzjoni għandu jkun fih dan kollu li ġej:

(a) lista tal-manifatturi kollha li ngħataw akkreditazzjoni;

(b) Fir-rigward ta' kull manifattur akkreditat:

(i) indikazzjoni tal-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew tal-attività relatata ma' element tal-euro li għaliha tkun ingħatat akkreditazzjoni;

(ii) is-sit tal-manifattura għall-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro li għaliha tkun ingħatat akkreditazzjoni;

(iii) informazzjoni dwar l-elementi ta' sigurtà tal-euro jew l-elementi tal-euro prodotti f'kull sit ta' manifattura.

2. Il-BĊE għandu jaġġorna regolarment ir-reġistru tal-akkreditazzjoni mal-istatus ta' akkreditazzjoni ta' manifatturi akkreditati, kif ukoll mal-informazzjoni pprovduta mill-manifatturi akkreditati skont din id-Deċiżjoni. Sabiex isiru aġġornamenti regolari tar-reġistru ta' akkreditazzjoni, il-BĊE jista' jiġbor mingħand manifatturi akkreditati, il-BĊNi u BĊNi futuri tal-Eurosistema aktar informazzjoni relevanti, li l-BĊE iqis neċessarja sabiex tinżamm il-preċiżjoni u l-korrettezza tal-informazzjoni fir-reġistru ta' akkreditazzjoni.

3. Jekk il-BĊE jadotta deċiżjoni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 17 wara li jkun innotifika lill-manifattur akkreditat b'din id-deċiżjoni, għandu jirreġistra mingħajr dewmien l-informazzjoni kollha li ġejja fir-reġistru tal-akkreditazzjoni:

(a) L-ambitu u t-tul ta' żmien tas-sospensjoni;

(b) Il-bidliet kollha li jaffettwaw l-istatus ta' akkreditazzjoni tal-manifattur akkreditat relatat ma':

(i) ismu

(ii) is-sit ta' manifattura rilevanti;

(iii) l-element ta' sigurtà tal-euro jew l-element tal-euro u l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro affettwati mis-sospensjoni, f'konformità mas-sejbiet tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.

4. Jekk il-BĊE jadotta deċiżjoni ta' revoka skont l-Artikolu 18 wara li jkun innotifika lill-manifattur akkreditat b'din id-deċiżjoni, huwa għandu jneħħi l-informazzjoni kollha li ġejja mir-reġistru tal-akkreditazzjoni mingħajr dewmien skont is-sejbiet tad-deċiżjoni ta' revoka:

(a) l-isem tal-manifattur akkreditat;

(b) is-sit tal-manifattura;

(c) l-element ta' sigurtà tal-euro jew l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro;

(d) l-element tal-euro jew l-attività relatata ma' element tal-euro.

5. Manifattur akkreditat għandu jinforma lill-BĊE jekk l-informazzjoni dwar il-manifattur akkreditat fir-reġistru tal-akkreditazzjoni tkunx inkompleta jew żbaljata. Jekk il-BĊE jiddetermina li tali informazzjoni ma tkunx kompluta jew tkun żbaljata, il-BĊE għandu jemenda r-reġistru tal-akkreditazzjoni.

Artikolu 9

Obbligi tal-manifatturi akkreditati li jżommu l-akkreditazzjoni tagħhom

Manifattur akkreditat għandu jikkonforma mal-obbligi li ġejjin biex iżomm l-akkreditazzjoni tiegħu għas-sit ta' manifattura rilevanti:

(1) iżomm ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni kunfidenzjali u jirrispetta l-klassifikazzjoni ta' kunfidenzjalità tal-BĊE tad-dokumenti kollha kif previst fil-karta tal-flus tal-BĊE fuq l-extranet;

(2) jinforma lill-BĊE bil-miktub bi kwalunkwe tiġdid jew bidla fiċ-ċertifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(d), u jipprovdi kull darba, fi żmien tliet xhur mid-data tat-tiġdid jew bidla, kopja taċ-ċertifikat ġdid jew emendat;

(3) immedjatament jinforma lill-BĊE bil-miktub fil-każ ta' revoka ta' kwalunkwe wieħed miċ-ċertifikati relatati mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(d) jew, fejn rilevanti, fl-Artikolu 4(3);

(4) jipprovdi fuq bażi annwali, u fi żmien xahrejn minn tmiem is-sena kalendarja, dikjarazzjoni tal-awditur indipendenti li tiċċertifika dan kollu li ġej:

(a) l-implimentazzjoni u l-operazzjoni ta' programm ta' konformità korporattiva kif imsemmi fl-Artikolu 4(3);

(b) il-manifattur akkreditat ma kienx involut f'xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 4(1) u (2);

(5) jinforma immedjatament lill-BĊE bil-miktub dwar l-iskadenza ta' perjodu mhux interrott ta' 36-il xahar li fih il-manifattur akkreditat ma jkun wettaq l-ebda attività relatata ma' element tal-euro, bl-eċċezzjoni tal-qerda, il-ħżin, l-analiżi jew il-moviment intern ta' elementi ta' sigurtà tal-euro f'sit ta' manifattura, jew ma jkun wettaq ebda attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro;

(6) jirrapporta bil-miktub lill-BĊE, meta jwettaq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro, f'konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà, kwalunkwe diskrepanza fi kwantitajiet ta' element ta' sigurtà tal-euro identifikati matul attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro fis-sit ta' manifattura akkreditat tiegħu;

(7) jekk ikun beħsiebu jwettaq xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin, għandu minnufih jinforma u jitlob kunsens bil-miktub minn qabel mill-BĊE:

(a) jibdel kwalunkwe miżura fis-sit ta' manifattura rilevanti li bi kwalunkwe mod taffettwa, jew tista' taffettwa, il-konformità mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti;

(b) jibdel l-istruttura tas-sjieda tiegħu;

(c) il-bidu ta' proċedura ta' stralċ tal-manifattur akkreditat jew ta' kwalunkwe proċedura simili;

(d) jorganizza mill-ġdid in-negozju jew struttura tiegħu bi kwalunkwe mod li jista' jaffettwa l-attività li għaliha ngħatat l-akkreditazzjoni;

(e) jagħti b'sottokuntratt jew jinvolvi lil partijiet terzi, minbarra l-impjegati tal-manifattur akkreditat, f'attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jew attività relatata ma' element tal-euro li għalihom il-manifattur ikollu akkreditazzjoni, irrispettivament jekk is-sottokuntrattar jew involviment ta' terzi f'attività relatata ma' element tal-euro jew attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro ikollux isir fis-sit ta' manifattura relevanti jew f'sit ieħor;

(8) jinforma minnufih lill-BĊNi responsabbli bil-miktub jekk tinqala' xi waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-punt (7)(e);

(9) jinforma minnufih lill-BĊE bil-miktub jekk iseħħ xi wieħed minn dawn l-avvenimenti:

(a) il-manifattur akkreditat jew kwalunkwe waħda mill-entitajiet li tikkontrollah kienu s-suġġett ta' kundanna b'sentenza finali għal kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 4(1);

(b) il-manifattur akkreditat jew kwalunkwe entità li tikkontrollah jkunu involuti fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4(2);

(10) jinforma immedjatament lill-BĊE bil-miktub meta jkollu l-ħsieb li jibda proċess ta' kwalifika, kif stabbilit separatament mill-BĊE fir-rekwiżiti ta' kwalità rilevanti, għal kwalunkwe element ta' sigurtà tal-euro jew element tal-euro. In-notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar id-dati ppjanati tal-bidu u tat-tmiem tal-proċess ta' kwalifiki;

(11) jistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-aħħar verżjonijiet tad-dokumenti rilevanti kollha disponibbli għall-manifatturi akkreditati permezz tal-extranet ta' karti tal-flus tal-BĊE jkunu tqassmu b'mod xieraq fis-sit ta' manifattura akkreditat.

Artikolu 10

Kunsens bil-miktub minn qabel tal-BĊE

1. Il-BĊE għandu jagħti minn qabel il-kunsens bil-miktub fi żmien skadenza raġonevoli għall-attivitajiet elenkati fil-punt (7) tal-Artikolu 9 f'każijiet fejn ir-rekwiżiti kollha rilevanti ta' akkreditazzjoni u l-obbligi rilevanti kollha jiġu rrispettati mill-manifattur akkreditat li jagħmel it-talba.

2. Il-BĊE jista' jagħti kunsens bil-miktub minn qabel soġġett għal konformità tal-manifattur akkreditat ma' kwalunkwe restrizzjoni jew obbligu li l-BĊE jista' jimponi fuq il-manifattur akkreditat li jkun qed jagħmel it-talba.

3. Il-BĊE jista' jiċħad il-kunsens minn qabel bil-miktub meta jikkonkludi li l-kapaċità tal-manifattur akkreditat li jikkonforma mar-rekwiżiti jew l-obbligi tal-akkreditazzjoni tkun kompromessa jekk il-manifattur akkreditat iwettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fil-punt (7) tal-Artikolu 9.

Artikolu 11

Spezzjonijiet

1. Il-BĊE għandu jivvaluta jekk manifattur akkreditat jikkonformax mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni billi jwettaq spezzjonijiet fuq il-post jew mhux fuq il-post.

2. Il-BĊE għandu jwettaq spezzjonijiet fuq il-post fir-rigward ta' kwalunkwe dokumentazzjoni mitluba mill-BĊE li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità tal-manifattur akkreditat mar-rekwiżiti rilevanti ta' akkreditazzjoni. Kwalunkwe talba għal dokumentazzjoni li l-BĊE jindirizza lil manifattur akkreditat m'għandhiex tikkostitwixxi spezzjoni lil hinn mis-sit sakemm it-talba ma tirreferix b'mod espliċitu għal spezzjoni lil hinn mis-sit.

3. Il-BĊE jista' jwettaq spezzjonijiet fuq il-post, kemm jekk imħabbra bil-quddiem kif ukoll mingħajr ma jitħabbru minn qabel.

4. Matul spezzjoni fuq il-post, il-BĊE għandu jivvaluta l-konformità tal-manifattur akkreditat mar-rekwiżiti rilevanti ta' akkreditazzjoni fis-sit tal-manifattura.

5. Il-BĊE għandu jibda spezzjonijiet imħabbra fuq il-post fid-data miftiehma bil-quddiem mal-manifattur akkreditat. Il-manifattur akkreditat għandu jiżgura li l-attività relatata ma' element tal-euro rilevanti jew attività relatata ma' element tal-euro tkun qed titwettaq fis-sit tal-manifattura matul l-ispezzjoni.

6. Il-BĊE għandu jiddeċiedi dwar it-tul ta' żmien tal-ispezzjoni fuq il-post imħabbrin jew mhux imħabbrin sabiex jiġi żgurat li tinkiseb biżżejjed informazzjoni biex tiġi vvalutata l-konformità tal-manifattur akkreditat mar-rekwiżiti kollha ta' akkreditazzjoni. Il-BĊE jista' jissospendi spezzjoni fuq il-post li tkun tinsab għaddejja sabiex jippermetti lill-manifattur akkreditat jipprovdi evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti.

7. Il-manifattur akkreditat għandu jagħti lill-BĊE aċċess għaż-żoni kollha tas-sit tal-manifattura u għad-dokumenti kollha li l-BĊE jikkunsidra rilevanti għall-ispezzjoni.

8. Il-manifattur akkreditat għandu jirritorna lill-BĊE kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa għall-ispezzjoni, bħall-kwestjonarju ta' spezzjoni komplut, disponibbli fuq l-extranet tal-karti tal-flus tal-BĊE jew kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li l-BĊE jippreżenta lill-manifattur akkreditat qabel l-ispezzjoni, mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel id-data li fiha l-ispezzjoni fuq il-post tkun ser tibda jew kif speċifikat mod ieħor mill-BĊE.

Artikolu 12

Każijiet ta' nuqqas ta' konformità

1. Kull wieħed mill-atti li ġejjin ta' manifattur jikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' konformità:

(a) nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni elenkati fl-Artikolu 3(1);

(b) fir-rigward ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati qabel, in-nuqqas li jiġi implimentat titjib fi ħdan l-iskadenzi kif miftiehem mal-BĊE;

(c) nuqqas li jiġi ssodisfat xi wieħed mill-obbligi elenkati fl-Artikolu 9;

(d) ir-rifjut li jingħata aċċess immedjat lill-BĊE għas-sit tal-manifattura jew għal kwalunkwe dokument li l-BĊE jikkunsidra meħtieġ għall-ispezzjoni;

(e) diskrepanza fir-reġistri ta' element ta' sigurtà tal-euro konnessi ma' ksur tar-rekwiżiti ta' sigurtà mill-manifattur akkreditat;

(f) il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni falza jew qarrieqa pprovata jew ta' dokument ipprovat li huwa iffalsifikat lill-BĊE u, fejn applikabbli, lil BĊN, bis-saħħa ta' kwalunkwe waħda mill-proċeduri taħt din id-Deċiżjoni;

(g) kwalunkwe ksur tal-obbligu tiegħu li jirrispetta l-klassifikazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe dokument relatat ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-BĊE għandu jinnotifika lill-manifattur akkreditat dwar kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti elenkati fl-Artikoli 3 u 4, jew l-obbligi stipulati fl-Artikolu 9 fi ħdan skadenza raġonevoli wara li l-BĊE jkun sar konxju dwar każ ta' nuqqas ta' konformità.

3. Manifattur akkreditat għandu jirrimedja kull każ ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan skadenza miftiehma mal-BĊE skont l-Artikolu 13(3).

Artikolu 13

Eżitu tal-ispezzjoni

1. Il-BĊE għandu jibgħat rapport preliminari ta' spezzjoni lill-manifattur akkreditat, fejn jispeċifika kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni identifikati matul spezzjoni, fi ħdan wieħed mill-perjodi li ġejjin:

(a) 30 jum tax-xogħol mid-data meta tkun tlestiet l-ispezzjoni fuq il-post relevanti;

(b) 40 jum tax-xogħol wara li l-BĊE jkun irċieva xi dokumentazzjoni relevanti bħala parti minn spezzjoni mhux fuq il-post, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 9;

2. Fir-rapport ta' spezzjoni preliminari, il-BĊE jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-manifattur akkreditat. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkostitwixxu suġġerimenti għat-titjib ta' miżura li madankollu tikkonforma mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni.

3. Il-manifattur akkreditat għandu jkollu 15-il jum ta' xogħol minn meta jirċievi r-rapport tal-ispezzjoni preliminari biex jikkomunika lill-BĊE bil-miktub is-sejbiet tiegħu fir-rigward tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati matul l-ispezzjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont il-paragrafu 2. Il-manifattur akkreditat għandu jipprovdi dettalji ta' kwalunkwe miżura li jkollu l-ħsieb li jimplimenta b'rabta mal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, inklużi l-iskadenzi proposti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Il-BĊE għandu jivvaluta l-proposti u jimponi skadenzi, li għandhom ikunu proporzjonati għas-serjetà tal-każ ta' nuqqas ta' konformità.

4. Il-BĊE għandu jipprovdi r-rapport tal-ispezzjoni lill-manifattur akkreditat fi żmien 40 jum ta' xogħol minn meta jseħħ wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-BĊE jirċievi l-kummenti bil-miktub tal-manifattur akkreditat dwar ir-rapport ta' spezzjoni preliminari u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra mitluba mill-BĊE biex jiffinalizza l-valutazzjoni tiegħu;

(b) l-għeluq tal-iskadenzi biex isiru kummenti bil-miktub dwar ir-rapport ta' spezzjoni preliminari, fejn dawn il-kummenti ma jkunux waslu.

5. Fir-rapport ta' spezzjoni, il-BĊE għandu jinkludi s-sejbiet tal-ispezzjoni, id-dokumentazzjoni rilevanti tal-ispezzjoni, il-kummenti li waslu mingħand il-manifattur akkreditat, valutazzjoni tal-azzjonijiet, il-miżuri jew it-titjib li l-manifattur akkreditat beħsiebu jimplimenta u l-iskadenzi relatati għall-implimentazzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu, abbażi tal-eżitu tal-ispezzjoni, jasal għal konklużjonijiet dwar jekk il-manifattur akkreditat huwiex, jew jistax isir fi ħdan l-iskadenzi proposti, f'konformità mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni u jekk il-BĊE għandux jieħu xi waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 16 sa 18.

6. Fi żmien 15-il jum ta' xogħol wara li jkun irċieva r-rapport ta' spezzjoni msemmi fil-paragrafu 4, il-manifattur akkreditat jista' jissottometti kummenti bil-miktub lill-BĊE dwar il-kontenut ta' dak ir-rapport.

7. Il-BĊE għandu jikkunsidra l-kummenti li rċieva mingħand il-manifattur akkreditat u jiffinalizza l-ispezzjoni billi jimplimenta l-konklużjonijiet tar-rapport ta' spezzjoni u jinforma lill-manifattur akkreditat, u, jekk rilevanti, lill-manifatturi akkreditati l-oħra kollha.

8. Spezzjonijiet ta' segwitu jistgħu jitwettqu skont l-Artikolu 11(1) jew fuq il-post jew mhux fuq il-post biex jiġi vverifikat li l-miżuri indikati fir-rapport ta' spezzjoni huma implimentati b'mod effettiv u jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni rilevanti.

9. F'każ ta' nuqqasijiet kbar ta' konformità mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni li jkunu jeħtieġu deċiżjoni urġenti tal-BĊE li tista' raġonevolment titqies li tiġġustifika deċiżjoni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 17 jew deċiżjoni ta' revoka skont l-Artikolu 18, il-BĊE jista' jiddeċiedi li jqassar il-proċess deskritt fil-paragrafi 1 sa 3, sabiex b'hekk il-manifattur ikollu massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol biex jikkummenta dwar il-każijiet maġġuri relevanti ta' nuqqas ta' konformità. Il-BĊE għandu jagħti raġunijiet għal dik l-urġenza.

10. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jestendi l-iskadenzi msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 14

Deċiżjoni dwar waqfien immedjat ta' attività ta' element ta' sigurtà tal-euro

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn tiġi identifikata nuqqas ta' konformità maġġuri li tista' twassal għat-telf jew is-serq ta' elementi ta' sigurtà tal-euro jew għall-pubblikazzjoni mhux awtorizzata ta' informazzjoni relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro li tista' tkun ta' ħsara għall-integrità ta' karti tal-flus tal-euro bħala mezz ta' ħlas sakemm ma titteħidx azzjoni ta' rimedju immedjata, il-BĊE jista' jitlob lill-manifattur akkreditat biex iwaqqaf l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro b'effett immedjat sakemm ma tkunx ġiet irrimedjata n-nuqqas ta' konformità. F'każ bħal dan, il-manifattur akkreditat ma jistax jissokta b'attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro mingħajr ma jkollu l-approvazzjoni bil-miktub tal-BĊE minn qabel.

2. Manifattur akkreditat li hu meħtieġ li jwaqqaf attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro b'effett immedjat għandu jipprovdi lill-BĊE b'informazzjoni li tikkonċerna kwalunkwe manifattur akkreditat ieħor li jista', bħala klijent jew fornitur, jiġi affettwat indirettament minn twaqqif ta' attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro. It-tim ta' spezzjoni fuq il-post jista' jeħtieġ ukoll li l-manifattur akkreditat jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(5) biex jiżgura li huwa ma għandux elementi ta' sigurtà tal-euro speċifikati matul il-perijodu li fih twaqqfet l-attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro.

3. Il-BĊE għandu jinforma lil kwalunkwe manifattur akkreditat potenzjalment affettwat imsemmi fil-paragrafu 2 jekk attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro ta' manifattur akkreditat titwaqqaf skont il-paragrafu 1. F'każ bħal dan, il-BĊE għandu jinnotifika lil dawn il-manifatturi akkreditati jekk ikun hemm bidla fl-istatus tal-manifattur akkreditat li l-attività tiegħu relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro tiegħu twaqqfet skont il-paragrafu 1.

4. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 16 sa 18, il-BĊE għandu fil-pront ineħħi waqfa fuq attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro jekk spezzjoni mwettqa skont l-Artikolu 11 tikkonkludi li l-każijiet ewlenin rilevanti kollha ta' nuqqas ta' konformità msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew rimedjati.

TAQSIMA III

KONSEGWENZI TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ

Artikolu 15

Deċiżjonijiet tal-BĊE dwar nuqqas ta' konformità

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità minn manifattur akkreditat, il-BĊE jista' jieħu kwalunkwe deċiżjoni msemmija fl-Artikoli 16 sa 19. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) il-każ ta' nuqqas ta' konformità u kwalunkwe kumment mogħti mill-manifattur akkreditat, fejn applikabbli;

(b) is-sit ta' manifattura, l-element ta' sigurtà tal-euro u/jew l-element tal-euro u l-attività relatata mal-element ta' sigurtà tal-euro u/jew l-attività relatata ma' element tal-euro li magħhom hija marbuta d-deċiżjoni;

(c) id-data li fiha d-deċiżjoni ssir effettiva u, jekk applikabbli, waħda jew it-tnejn li ġejjin:

   (i) id-data li fiha d-deċiżjoni tiskadi;

   (ii) iċ-ċirkostanzi li fihom id-deċiżjoni se tiskadi;

(d) l-iskadenza biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità, fejn applikabbli;

(e) ir-raġunijiet għad-deċiżjoni.

2. Deċiżjoni għandha tkun proporzjonata mal-gravità ta' każ rilevanti ta' nuqqas ta' konformità u għandha tqis dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-rekord tal-manifattur akkreditat fir-rigward tal-okkorrenzi u l-korrezzjonijiet ta' kwalunkwe każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità;

(b) l-ispjegazzjonijiet rilevanti kollha pprovduti mill-manifattur akkreditat dwar il-każijiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità;

(c) deskrizzjoni ta' kif il-manifattur akkreditat jirrimedja, jew biħsiebu jirrimedja, il-każ rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

3. Meta jiddefinixxi l-iskadenzi, il-BĊE għandu jiżgura li l-iskadenzi jkunu proporzjonati mal-gravità ta' każ rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

4. Il-BĊE għandu jinforma lill-manifattur akkreditat rilevanti bil-miktub dwar id-deċiżjoni li jkun ħa.

5. Il-BĊE jista' jinforma lill-BĊNi u lil manifatturi akkreditati oħra b'kull deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 16 sa 19, eż. permezz tar-reġistru tal-akkreditazzjoni jew bil-miktub. L-informazzjoni pprovduta mill-BĊE tista' tinkludi l-identità tal-manifattur akkreditat, it-tip u n-natura tan-nuqqas ta' konformità u l-validità tad-deċiżjoni, fejn applikabbli.

Artikolu 16

Deċiżjoni ta' twissija

1. Il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' twissija fir-rigward ta' manifattur akkreditat f'wieħed minn dawn il-każijiet:

(a) każ maġġuri ta' nuqqas ta' konformità;

(b) xejra rikorrenti ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

(c) nuqqas ta' korrezzjoni ta' każ ta' nuqqas ta' konformità fil-ħin u b'mod effettiv.

2. Deċiżjoni ta' twissija għandha tiddikjara illi jekk il-każ ta' nuqqas ta' konformità ma tkunx ġiet irrimedjata fl-iskadenza speċifikata, l-Artikoli 17 jew 18 għandhom japplikaw.

3. Jekk il-BĊE jiddetermina li deċiżjoni ta' twissija waħedha m'hijiex ta' deterrent suffiċjenti fid-dawl tas-serjetà tal-każ ta' nuqqas ta' konformità identifikat, huwa jista' jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 17 jew 18.

Artikolu 17

Sospensjoni fir-rigward ta' ordnijiet ġodda

1. Jekk manifattur akkreditat jonqos milli jikkonforma ma' deċiżjoni dwar waqfa immedjata ta' attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro skont l-Artikolu 14, il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' sospensjoni kontra dak il-manifattur akkreditat. Il-manifattur akkreditat għandu jiġi pprojbit milli jaċċetta ordnijiet ġodda sakemm ma titneħħa d-deċiżjoni ta' sospensjoni.

2. Jekk manifattur akkreditat jonqos milli jirrimedja każ ta' nuqqas ta' konformità speċifikat f'deċiżjoni ta' twissija skont l-Artikolu 16 fi żmien l-iskadenza speċifikata, il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' sospensjoni kontra dak il-manifattur akkreditat. Il-manifattur akkreditat jista' jtemm kwalunkwe ordni ta' produzzjoni li tkun għaddejja, iżda għandu jkun ipprojbit milli jaċċetta ordnijiet ġodda sakemm ma titneħħa d-deċiżjoni ta' sospensjoni.

3. Deċiżjoni ta' sospensjoni tista' tiddikjara wkoll illi jekk in-nuqqas ta' konformità ma jkunx ġie rrimedjat fi żmien l-iskadenza speċifikata, għandu japplika l-Artikolu 18.

4. Jekk il-BĊE jidhirlu illi deċiżjoni ta' twissija waħedha ma tkunx ta' deterrent suffiċjenti fid-dawl tas-serjetà tal-każ ta' nuqqas ta' konformità identifikat, huwa jista' jieħu deċiżjoni ta' revoka skont l-Artikolu 18.

5. Deċiżjoni ta' sospensjoni tista' titneħħa biss jekk il-każijiet relevanti kollha ta' nuqqas ta' konformità jkunu ġew evalwati bħala li ġew irrimedjati permezz ta' spezzjoni skont l-Artikolu 11.

Artikolu 18

Deċiżjoni ta' revoka dwar l-akkreditazzjoni

1. Il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' revoka jekk manifattur akkreditat jonqos milli jikkonforma ma' deċiżjoni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 17.

2. Il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni ta' revoka f'wieħed minn dawn il-każijiet:

(a) talba mingħand manifattur akkreditat biex jittrasferixxi l-attività tiegħu relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro u/jew attività relatata ma' element tal-euro lil sit ta' manifattura ġdid. F'dan il-każ, il-kamp ta' applikazzjoni tar-revoka għandu jinkludi s-sit ta' manifattura l-qadim li minnu tkun qiegħda tiġi ttrasferita l-attività relevanti;

(b) bidla fis-sjieda tal-manifattur akkreditat, meta dik il-bidla tkun tista' tippermetti direttament jew indirettament lil entità involuta fil-bidla maħsuba fl-istruttura tas-sjieda biex tikseb aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali tal-BĊE (ECB-confidential) relatata ma' din id-Deċiżjoni, atti legali applikabbli jew ftehimiet kuntrattwali b'rabta mal-BĊE, BĊN wieħed jew aktar jew manifattur akkreditat wieħed jew aktar;

(c) talba minn manifattur akkreditat biex tiġi rtirata l-akkreditazzjoni tiegħu.

3. Il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' revoka meta jivvaluta li dik ir-revoka hija meħtieġa, filwaqt li jqis wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-gravità ta' każ speċifiku ta' nuqqas ta' konformità;

(b) il-kobor tat-telf jew serq attwali jew potenzjali ta' xi elementi ta' sigurtà tal-euro jew elementi tal-euro;

(c) jekk kienx hemm xi dannu finanzjarju u għar-reputazzjoni konsegwenzjali minħabba l-pubblikazzjoni mhux awtorizzata ta' informazzjoni relatata ma' elementi ta' sigurtà tal-euro;

(d) l-adegwatezza tar-reazzjoni, il-kapaċità u l-ħila tal-manifattur akkreditat biex itaffi n-nuqqas ta' konformità;

(e) il-fatt li ċirkostanzi speċifiċi fis-sit tal-manifattura jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità tal-karti tal-flus tal-euro bħala mezz ta' ħlas.

4. Il-BĊE jista' jieħu deċiżjoni ta' revoka fir-rigward ta' manifattur akkreditat li ma pproduċiex elementi ta' sigurtà tal-euro jew elementi tal-euro għal perjodu mhux interrott ta' 36 xahar. Meta jieħu deċiżjoni ta' revoka fuq din il-bażi, il-BĊE għandu jikkunsidra ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-manifattur akkreditat.

5. Meta l-pussess ta' xi element ta' sigurtà tal-euro mill-manifattur akkreditat jista' jqiegħed l-integrità tal-karti tal-flus tal-euro bħala mezz ta' ħlas f'riskju ladarba d-deċiżjoni ta' revoka ssir effettiva, il-BĊE jista' jitlob lill-manifattur biex jieħu miżuri, bħall-qerda ta' elementi ta' sigurtà tal-euro speċifikati, jew it-twassil ta' dawn l-elementi, lill-BĊE jew BĊN, biex jiġi żgurat li l-manifattur ma jkollu l-ebda element ta' sigurtà tal-euro bħal dan ladarba r-revoka ssir effettiva. Il-BĊE jista' jwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri.

6. Deċiżjoni ta' revoka għandha tispeċifika d-data li warajha manifattur jista' japplika mill-ġdid għal akkreditazzjoni. Din id-data għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-revoka u għandha tkun tal-anqas sena wara d-data tad-deċiżjoni ta' revoka.

Artikolu 19

Penali finanzjarji f'każ ta' diskrepanzi fil-kwantitajiet ta' karti tal-flus tal-euro jew karta tal-karti tal-flus tal-euro

1. Jekk diskrepanza fil-kwantità ta' karti tal-flus tal-euro stampati b'mod parzjali jew lesti jew fil-kwantitá tal-karta tal-karti tal-flus tal-euro lesta parzjalment jew lesta tinġieb għall-attenzjoni tal-BĊE skont il-punt (6) tal-Artikolu 9 jew isseħħ matul attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro f'sit ta' manifattura tal-manifattur akkreditat, il-BĊE jista' jimponi penali finanzjarja fuq il-manifattur akkreditat, minbarra kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 16, 17 u 18, fi kwalunkwe każ ivverifikat li ġej:

(a) il-manifattur akkreditat naqas milli jidentifika diskrepanza bħal din;

(b) il-manifattur akkreditat naqas milli jirrapporta d-diskrepanza skont il-punt (6) tal-Artikolu 9;

(c) il-manifattur akkreditat irrapporta d-diskrepanza skont il-punt (6) tal-Artikolu 9, iżda mbagħad naqas milli jidentifika u jirrapporta lill-BĊE l-kawża tad-diskrepanza fl-iskadenza stabbilita mid-deċiżjoni separata dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà.

2. Qabel ma jieħu deċiżjoni dwar penali finanzjarja, il-BĊE għandu jivverifika li d-diskrepanza fil-kwantità ta' karti tal-flus tal-euro stampati jew lesti parzjalment jew fil-kwantitá ta' karta tal-karti tal-flus tal-euro lesta parzjalment jew lesta tkun dovuta għal każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà stabbiliti f'deċiżjoni separata.

3. Meta jiġi determinat l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha tiġi imposta fir-rigward ta' diskrepanza verifikata, il-BĊE għandu jqis il-valur nominali ta' dawn li ġejjin:

(a) il-karti tal-flus tal-euro parzjalment stampati jew lesti;

(b) karti tal-flus tal-euro potenzjali li setgħu ġew stampati bl-użu ta' karta tal-karti tal-flus tal-euro lesta parzjalment jew lesta.

4. Il-BĊE jista' japplika penali finanzjarja differenti mill-valur nominali jew il-valur nominali ekwivalenti ddeterminat skont il-paragrafu 3, b'kont meħud tal-gravità tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà f'kull każ speċifiku.

5. Il-BĊE taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' jimponi penali finanzjarja li taqbeż EUR 500 000.

6. Meta jieħu deċiżjoni dwar penali finanzjarji, il-BĊE għandu jsegwi l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4) ([11]).

Artikolu 20

Delega u sottodelega

1. Il-Kunsill Governattiv jiddelega s-setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-akkreditazzjoni ta' manifattur skont l-Artikolu 6(1), 6(3) u 6(7), l-Artikolu 7, l-Artikolu 10, l-Artikolu 14(1) u 14(4) u l-Artikoli 16 sa 19 lill-Bord Eżekuttiv.

2. Il-Bord Eżekuttiv jista' jissottodelega s-setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-akkreditazzjoni ta' manifattur skont l-Artikolu 6(1), 6(3), u 6(7) u l-Artikolu 7 lil wieħed mill-membri tiegħu.

3. Il-Bord Eżekuttiv jista' jissottodelega s-setgħa għal-livell operazzjonali biex:

(a) jagħti l-kunsens bil-miktub bil-quddiem tal-BĊE skont l-Artikolu 10(1) f'każijiet li fihom manifattur akkreditat ikun ikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' akkreditazzjoni skont l-Artikoli 3 u 4 u l-obbligi rilevanti kollha skont l-Artikolu 9;

(b) tieħu deċiżjonijiet relatati ma' waqfien immedjat ta' attività relatata ma' element ta' sigurtà tal-euro skont l-Artikolu 14.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull deċiżjoni meħuda fuq delega jew sottodelega taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 21

Proċedura ta' rieżami

1. Il-BĊE għandu jevalwa kull talba u informazzjoni pprovduta mill-manifattur fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni u jinforma lill-manifattur bil-miktub bid-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta jew jiċħad it-talba jew il-validità tal-informazzjoni riċevuta fi żmien 50 jum tax-xogħol minn meta jirċievi xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) it-talba għall-akkreditazzjoni;

(b) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali jew kjarifika mill-manifattur li ntalbet mill-BĊE.

([11]) Regolament (KE) Nru 2157/1999 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 1999 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) (ĠU L 264, 12.10.1999, p.21).

2. Manifattur jista' jissottometti talba lill-Kunsill Governattiv biex jirrevedi deċiżjoni tal-BĊE:

(a) meħuda skont l-Artikolu 6(1) u (7) u l-Artikolu 7;

(b) meħuda skont l-Artikolu 14 skont l-Artikoli 16 sa 18.

Il-manifattur għandu jippreżenta t-talba għal rieżami fi żmien 30 jum ta' xogħol min-notifika tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu. Il-manifattur għandu jinkludi r-raġunijiet tiegħu għal din it-talba u l-informazzjoni kollha li tappoġġjaha.

3. Ir-rieżami m'għandux ikollu effett sospensiv. Bħala eċċezzjoni, jekk manifattur jitlob espressament li r-rieżami għandu jkollha effett sospensiv u jagħti raġunijiet għat-talba, il-Kunsill Governattiv jista' jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi riveduta.

4. Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu fid-dawl tat-talba ta' rieżami tal-manifattur. Jekk il-Kunsill Governattiv iqis illi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tikser din id-Deċiżjoni, huwa għandu jew jordna li l-proċedura inkwistjoni tiġi mtennija jew jieħu deċiżjoni finali. Jekk il-Kunsill Governattiv iqis li d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ma tiksirx din id-Deċiżjoni, it-talba għal rieżami tal-manifattur għandha tiġi miċħuda. Il-manifattur għandu jiġi notifikat bil-miktub dwar l-eżitu tar-rieżami fi żmien 60 jum ta' xogħol minn meta l-BĊE jirċievi t-talba għal rieżami. Id-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha ġurisdizzjoni esklussiva f'kull tilwima bejn il-BĊE u manifattur fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni. Jekk proċedura ta' rieżami hija disponibbli taħt il-paragrafu 2, il-manifattur għandu jistenna d-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv dwar ir-rieżami qabel ma jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-iskadenzi stipulati fit-Trattat jibdew jiddekorru mill-irċevuta tad-deċiżjoni ta' rieżami.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 4, il-proċedura ta' rieżami għal deċiżjonijiet li jimponu penali finanzjarji skont l-Artikolu 19 għandha titwettaq b'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4).

7. Jekk ikun hemm qbil reċiproku, il-BĊE u l-manifattur jistgħu jsolvu kwalunkwe tilwima dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni permezz ta' arbitraġġ. Kull tilwima bejn il-BĊE u manifattur akkreditat għandha tiġi finalment riżolta skont ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ minn arbitru wieħed jew aktar maħtur skont dawk ir-Regoli. Il-lingwa tal-arbitraġġ għandha tkun l-Ingliż.

TAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 22

Revoka

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 qiegħda tiġi mħassra.mit-18 ta' Mejju 2021.

2. Referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 għandha tkompli tapplika għal perjodu ta' tnax-il xahar mid-data meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

2. Il-manifatturi akkreditati li ngħataw akkreditazzjoni jew akkreditazzjoni provviżorja skont id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 għandhom jitqiesu li huma akkreditati skont din id-Deċiżjoni mid-data meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

3. Il-proċeduri kollha mibdija jew pendenti fir-rigward ta' akkreditazzjonijiet mogħtija skont id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 għandhom jiġu ffinalizzati f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari, kwalunkwe proċedura mibdija jew pendenti fir-rigward ta':

(a) spezzjonijiet ta' sigurtà jew ta' kwalità inizjali jew ta' segwitu skont l-Artikolu 11;

(b) il-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni skont l-Artikolu 6;

(c) l-għoti ta' akkreditazzjonijiet skont l-Artikolu 7;

(d) il-ħruġ ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 16 sa 19;

(e) rieżami ta' azzjonijiet jew deċiżjonijiet taħt il-punti (a) sa (d).

Il-proċeduri kollha mibdija jew pendenti għandhom jiġu ffinalizzati sal-iskadenza tal-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

2. Għandha tapplika mit-18 ta' Mejju 2021.

3. L-Artikolu 4 u punt (4) tal-Artikolu 9 għandhom japplikaw mis-16 ta' Novembru 2022.

Artikolu 25

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-manifatturi u lill-manifatturi akkreditati ta' elementi ta' sigurtà tal-euro u ta' elementi tal-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' April 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

Deċiżjoni rrevokata b'lista tal-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 22)

Deċiżjoni 2013/54 tal-20 ta' Diċembru dwar il-proċeduri ta' akkreditazzjoni għal manifatturi ta' oġġetti tal-euro siguri u oġġetti tal-euro u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2008/3 (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 29).
Deċiżjoni (UE) 2016/955 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/54 dwar il-proċeduri ta' akkreditazzjoni għal manifatturi ta' oġġetti tal-euro siguri u oġġetti tal-euro (BĊE/2016/12) (ĠU L 159, 16.6.2016, p. 19).
Deċiżjoni (UE) 2016/1734 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/54 dwar il-proċeduri ta' akkreditazzjoni għal manifatturi ta' oġġetti tal-euro siguri u oġġetti tal-euro (BĊE/2016/25) (ĠU L 262, 29.9.2016, p. 30).

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54	Din id-Deċiżjoni
TAQSIMA I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI	TAQSIMA I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
—	Artikolu 2(3), (4), (7) u (11)
Artikolu 2(2)	—
Artikolu 2(3)	—
Artikolu 2(4)	Artikolu 18(4)
Artikolu 2(5)(a)	Artikolu 3(1)(a) u 3(2)
—	Artikolu 3(1)(b)
Artikolu 2(5)(b)	Artikolu 3(1)(c)
Artikolu 2(6)	Artikolu 3(4)
Artikolu 2(7)	Artikolu 2(8)
Artikolu 2(8)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(9)	Artikolu 2(11)
Artikolu 3(1)	Artikolu 19(1)
Artikolu 3(2)	Artikolu 19(2)
—	Artikolu 20(3)
—	Artikolu 4
TAQSIMA II — PROĊEDURA TA' AKKREDITAZZJONI	TAQSIMA II — PROĊEDURA TA' AKKREDITAZZJONI
Artikolu 4(1)	Artikolu 5(1)
Artikolu 4(2)(a)	Artikolu 5(2)(a) u (c)
Artikolu 4(2)(b)	Artikolu 5(2)(d) u l-punt (1) tal-Artikolu 9
Artikolu 4(2)(c)	Artikolu 5(2)(f)
Artikolu 4(3)	Artikolu 5(2)(h) u 3(1)(d)
—	Artikolu 5(2)(b), (e), (g), (i), (j) u (k)
—	Artikolu 5(3)
Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(3), l-ewwel sentenza	Artikolu 6(2) u 6(6)
Artikolu 4(5) u l-Artikolu 5(3), it-tieni sentenza	Artikolu 6(7)
Artikolu 5(1)	Artikolu 6(4), l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' sentenzi
Artikolu 5(2)	Artikolu 6(4), ir-raba' sentenza

Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54	Din id-Deċiżjoni
—	Artikolu 6(1), (3) u (5)
Artikolu 6(1)	Artikolu 7(1)
—	Artikolu 7(2)
Artikolu 6(2)	Artikolu 11(1)
Artikolu 6(3)	Artikolu 7(3)
Artikolu 7	—
Artikolu 8	—
—	il-punti (8), (9), (10) u (11) tal-Artikolu 9
TAQSIMA III — SPEZZJONIJIET U KONTROLLI TA' SIGURTÀ SPEĊIFIĊI TAL-BĊN	TAQSIMA III — KONSEGWENZI TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ
Artikolu 9(1)	Artikolu 11(1)
Artikolu 9(2)	Artikolu 11(2)
Artikolu 9(3), l-ewwel sentenza	Artikolu 11(4)
Artikolu 9(3), it-tieni sentenza	—
Artikolu 9(4), l-ewwel u t-tielet sentenzi	Artikolu 11(3)
Artikolu 9(4), it-tieni sentenza	Artikolu 11(5), l-ewwel sentenza
—	Artikolu 11(5), it-tieni sentenza
—	Artikolu 11(6) u (7)
Artikolu 9(5)	Artikolu 11(8)
Artikolu 9(6)	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 12(2)
Artikolu 10(2)	—
Artikolu 10(3), kliem introduttorju u l-punti (b) u (c)	Artikolu 13(1)
Artikolu 10(3), punt (a)	—
Artikolu 10(3), it-tieni u t-tielet sentenza	Artikolu 13(5)
Artikolu 10(4)	Artikolu 13(3) u (4)
Artikolu 10(4), it-tieni sentenza	Artikolu 13(7)
Artikolu 10(5), l-ewwel sentenza	Artikolu 13(8)
Artikolu 10(5), it-tieni sentenza	—
—	Artikolu 13(6)
Artikolu 10(6)	Artikolu 13(9)
Artikolu 10(7)	Artikolu 13(10)

Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 11	—
TAQSIMA IV — OBBLIGI KONTINWI	TAQSIMA IV — DISPOŻIZZJONIJIET FINALI
Artikolu 12(1)	Artikolu 2(6)
Artikolu 12(2), l-ewwel sentenza	il-punt (2) tal-Artikolu 9
Artikolu 12(2), it-tieni sentenza	il-punt (3) tal-Artikolu 9
—	il-punt (4) tal-Artikolu 9
Artikolu 12(3)(a)	Artikolu 9(7)(a)
Artikolu 12(3)(b)	Artikolu 9(7)(a)
Artikolu 12(3)(c)	Artikolu 9(7)(b)
Artikolu 12(3)(d)	Artikolu 9(7)(c)
Artikolu 12(3)(e)	Artikolu 9(7)(d)
Artikolu 12(3)(f) u (g) u Artikolu 12(4), l-ewwel sentenza	Artikolu 9(7)(e) u l-punt (8) tal-Artikolu 9
Artikolu 12(4), it-tieni u t-tielet sentenza	-
Artikolu 12(5), l-ewwel sentenza	il-punt (7) tal-Artikolu 9
Artikolu 12(5), kliem introduttorju tat-tieni sentenza	Artikolu 10(3)
Artikolu 12(5)(a)	Artikolu 10(3)
Artikolu 12(5)(b)(i), (ii) u (iii)	Artikolu 3(3)
Artikolu 12(5), it-tieni paragrafu	—
	Artikolu 20(3)
Artikolu 12(5), it-tielet paragrafu	Artikolu 20(3)
Artikolu 12(6), kliem introduttorju	il-punt (7) tal-Artikolu 9, kliem introduttorju
Artikolu 12(6)(a)	Artikolu 9(7)(c)
Artikolu 12(6)(b)	Artikolu 9(7)(d)
Artikolu 12(6)(c)	—
Artikolu 12(6)(d)	il-punt (5) tal-Artikolu 9
Artikolu 12(7)	Artikolu 7(3)
Artikolu 12(8)	—
Artikolu 12(9)	—
Artikolu 13	Artikolu 2(5)
TAQSIMA V — KONSEGWENZI TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ	—
Artikolu 14(1)(a)	Artikolu 12(1)(c)

Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 14(1)(b)	Artikolu 12(1)(a) u (b)
Artikolu 14(1)(c)	Artikolu 12(1)(d)
Artikolu 14(1)(d)	Artikolu 12(1)(f)
Artikolu 14(1)(e)	Artikolu 12(1)(g)
Artikolu 14(2), l-ewwel sentenza	Artikolu 12(2)
Artikolu 14(2), it-tieni sentenza	Artikolu 12(3)
Artikolu 14(2), it-tielet sentenza	Artikolu 15(3)
Artikolu 14(3)	il-punt (36) tal-Artikolu 1
Artikolu 14(4)	Artikolu 13(2)
Artikolu 15(1)	Artikolu 15(1)
Artikolu 15(2)	Artikolu 15(2), kliem introduttorju u punt (a)
Artikolu 16(2), 17(2), 18(3)	Artikolu 15(2)(b)
Artikolu 10(4)	Artikolu 15(2)(c)
Artikolu 15(3)	Artikolu 15(5)
Artikolu 16(1)	Artikolu 16(1)
Artikolu 16(2)	Artikolu 15(2)(b)
Artikolu 16(3) u (4)	Artikolu 16(2) u (3)
Artikolu 17(1)	Artikolu 17(1)
Artikolu 17(2)	Artikolu 15(2)(b)
Artikolu 17(3)	Artikolu 17(3)
Artikolu 17(4) u (5)	Artikolu 17(4) u (5)
Artikolu 18(1)(a)	Artikolu 18(1)
Artikolu 18(1)(b)	—
Artikolu 18(1)(c)	Artikolu 18(2)(b)
Artikolu 18(1)(d)	Artikolu 18(2)(a)
Artikolu 18(1)(e)	Artikolu 18(2)(c)
Artikolu 18(2)(a) u (b)	Artikolu 18(3)(a), (b) u (c)
Artikolu 18(2)(c)	Artikolu 18(3)(d)
—	Artikolu 18(3)(e)
—	Artikolu 18(4)
Artikolu 18(3)	—

Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 18(4) u (5)	Artikolu 18(5) u (6)
Artikolu 19	Artikolu 14
Artikolu 20(1)	il-punt (6) tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 12(1)(e)
Artikolu 20(2)	Artikolu 19(1)
Artikolu 20(3), l-ewwel, it-tieni u t-tielet sentenza	Artikolu 19(2) u (3) u l-Artikolu 19(4)
Artikolu 20(3), ir-raba' sentenza	Artikolu 19(5)
Artikolu 20(4), l-ewwel sentenza	Artikolu 19(2)
Artikolu 20(4), it-tieni sentenza	Artikolu 19(6)
Artikolu 20(4), it-tielet sentenza	—
Artikolu 21	Artikolu 21
Artikolu 22	Artikolu 8
TAQSIMA VI — EMENDI, DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI	—
Artikolu 23	—
Artikolu 24	Artikolu 22
Artikolu 25	Artikolu 23
Artikolu 26	Artikolu 24
Artikolu 27	Artikolu 25